MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru 145/99

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Anthony Zerafa**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Zerafa ta’ 33 sena, iben Alfred u Giorgina nee’ Fenech, imwieled Attard fl-14 ta’ Jannar 1967 u joqgħod 117 St. Joseph High Street Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 240667 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-17 ta’ Settmebru, 1996 u matul l-aħħar xhur qabel din d-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll li f'kaz ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-process inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Generali ta' l-10 ta' Mejju 1999; l-istqarrija ta' l-imputat, il-fedina penali tiegħu; iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 2406 tas-sena 1967 u li għal hekk jaqbel ma' l-ID card tiegħu; is-separazzjoni tal-ġudizzju li kien ordnat mill-Maġistrat Noel Cuschieri fil-5 ta' Settembru 1999; il-ħatra ta' l-ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku sabiex jeżamina u jirrelata dwar din is-sejba u kif wkoll ta' PC 516 Alfio Borg bħala fotografu, paġna 13; il-proces verbal imħejji mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima; il-konferma tal-ħatriet magħmula fil-proces verbal a fol 32; ir-ritratti esebiti minn PS 516 Alfio Borg; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiza a fol 62 li ma jirriżultax li f'dan il-process kienu inseriti xi dokumenti oħra barra dawk illi kien hemm; id-dikjarazzjoni magħmula a fol 67 illi ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu ix-xhieda li diġa kienu instemgħu minn din il-Qorti kif diversament preseduta; id-dikjarazzjoni magħmula mill-prosekuzzjoni illi jekk tinstab ħtija l-imputat għandu jgawdi mill-Artikolu 29 tal-Kap 101; il-ħatra ta' Probation Officer biex jagħmel social inquiry report u il-verbal a fol 96 fejn kien hemm qbil illi l-imputat kien ġie imsawwat darbtejn minħabba illi kien ta deposizzjoni f'kors ta' ġuri. Il-partijiet qablu wkoll li l-imputat pprova jerġa jintegra ruħu fis-soċjeta u għandu impieg fiss. Jaqblu wkoll illi l-imputat għamel b'suċċess programm għar-rijabilitazzjoni tad-droga gewwa l-Ingilterra.

Ikkonsidrat illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirriżulta illi meta saret tfittxija fid-dar tiegħu, kien hemm xi affarijiet elevati bħad-droga crack u oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu magħha u li dawn, skond l-imputat, kollha kienu tiegħu. Dak iż-żmien jiġifieri fit-18 ta' Settembru 1996 huwa kien qed jieħu l-cocaine u kien ilu jeħodha xi 6 jew 7 xhur. Effettivament eroina kien ha s-Sibt ta' qabel it-18 ta' Settembru 1996. Eroina kien ilu jieħu madwar 5 xhur. Bejn wieħed u ieħor kien jieħu tliet grammi kuljum eroina u erba' grammi kokaina. Fl-aħħar ħmistax, l-imputat flimkien ma persuna oħra kien qed ibiegħ l-eroina minn ħdejn id-dar. Kien qed ibiegħ pakketti ta' eroina ta' Lm10. Kienu jħabbtulu d-dar u kien jaqdiehom minn hemm hekk. Huwa ma kienx ibiegħ ħafna ghax kien ibiegħ li ibegħlu wieħed li dak iż-żmien kien programm. L-imputat qal li hu kien jagħtih id-droga u imbgħad din il-persuna tbiegħlu floku. Huwa qal li kien ibiegħ madwar 15-il pakkett ta' l-eroina kuljum jew aħjar b'xi Lm150 kuljum. Dan kien jagħmlu biex ikollu l-flus u jixtri d-droga għall-użu tiegħu ukoll. Il-pakketti kien jagħmilhom xi ħadd ieħor għalih. B'kollox kien xtara xi 28 gramma eroina sabiex ibiegħha.

Provi Forensici

Skond l-Ispiżjar Mario Mifsud, wara li kien ra s-sustanza suspettata droga miġbura mill-fond 117 High Street Hamrun fis-17 ta' Settembru 1996, huwa stabilixxa illi kienet instabet ammonia solution u sodium bicarbonate li mhux kontrollati bil-liġi, instabu traċċi ta' kokaina fil-bott tal-plastic iswed u fit-tubu tal-metall li kien hemm fid-dokument 96CCX06, fuq l-imgħarfa li kien hemm fid-dokument 96CCX08 u fuq il-foil illi kien hemm fid-dokument 96CCX09. Imbgħad qal li t-trab kannella li kien hemm fid-dokument 96CCX07 kien jammonta għal 0.097grammi u kien fih eroina b'purita circa 65%.

Is-supretendent Neil Harrison kien xehed illi fis-17 ta' Settembru 1996 għall-ħabta tas-7.15pm, l-iskwadra kienu marru ħdejn il-bieb ta' 117 High Street il-Hamrun u sgassaw il-bieb. Sabu lill-imputat kif ukoll persuna ohra. Fil-post instab miżien elettroniku, żewġ flixken tal-plastic li jintużaw bħala pipa sabiex wie]ed ipejjep il-kokaina,

flixkun ammonia, diversi biċċiet ta’ foil, qratas użati u affarijiet ohra li kellhom x’jaqsmu ma l-abbuż mid-droga. L-imputat kien rrilaxxja stqarrija fit-18 ta’ Settembru 1996. Huwa qal li l-affarijiet li kien hemm fir-residenza kienu kollha tiegħu.

Fl-24 ta’ Frar 2000 xehed Lawrence Spiteri Bailey li kien ppreżenta kopja fotostatika tad-dokumenti kollha illi kienu ser jidhlu fil-process ‘Pulizija vs Ersilia Gauci’ (fol 37).

Xehed PC Mallia li ddeskriva x’kien sab meta marru fid-dar ta’ l-imputat. Huwa wkoll qal li kienu tefgħu il-bieb ‘l ġewwa. Waqt it-tfittxija l-imputat kien preżenti.

Xehed PS 201 Sandro Magro li ddeskriva x’ġara fit-tfittxija u kien ġie elevat ukoll miżien elettroniku u xi pipi ta’ l-ilma, xi qratas vojta u xi oġġetti oħra relatati mad-droga (fol 23).

PC 516 Alfio Borg ppreżenta 17-il ritratt waqt illi PC 10 Trevor Cassar Mallia għaraf l-affarijiet permezz tar-ritratti li kienu ġew elevati mill-post.

Għal dak li jirrigwarda il-verbal tat-13 ta’ Mejju 2002, jidher li d-dokumenti kollha li kienet talbet il-Qorti qegħdin inseriti f’dan il-proċess.

Xehdet Maryanne Zammit, Probation Officer li qalet li l-każ imur lura għas-sena 1996. Hija qalet illi l-imputat kellu problema serja tad-droga u saħansitra kien għamel anke xi overdose. Kellu saħansitra jitla’ l-Ingilterra għax hawn Malta ma setgħax jirbaħ din il-problema. Minħabba l-problema tad-droga kien qed ikisser il-familja. B’rieda tajba rnexxielu jirbaħ dak li deher impossibli hawn hekk. Bħal issa l-ambjent fil-familja huwa tajjeb. It-tielet parti tar-rapport tal-Probation Officer jirrifletti kemm l-imputat baqa’ miexi tajjeb fit-triq tas-sewwa u fejn anke rega ngħaqad mal-familja tiegħu u qed iżomm impieg fis-sod, għalkemm meta nkiteb ir-rapport fis-26 ta’ Settembru 2006, kien qed ifittex xogħol iehor. L-imputat kien deciż illi jbiddel ħajtu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fil-fehma tal-Qorti, l-istqarrija ta' l-imputat hija l-kjavi ta' dan il-proċess. Mhux biss jammetti l-pussess tal-kokaina u ta' l-eroina fiż-żmien indikat fl-imputazzjoni (Ara fol.4 l-aħħar sitt ivrus, mhux biss indika kemm kien qed jikkonsma minn dawn is-sustanzi kull jum, iżda ammetta wkoll li fl-aħħar ħmistax-il jum kien wed ibiegħ l-aeroina minn ħdejn id-dar. Metqa ma biegħx hu kien ibegħlu ħadd ieħor dik is-sustanza li hu kien jgħaddi lil din il-persuna. Huwa kien ibiegħ madwar għoxrin gramma eroina. L-ammissjoni fl-istqarrija hija ċara daqs il-kristall.

Il-bqija tax-xhieda, verbali jew fotografika, issaħħaħ l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u m'hemm xejn li jikkontradiċi r-realta' fattwali stabilita permezz ta' l-istqarrija ta' imputat u l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet..

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta iissb lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena l-Qorti qed tqis dawn il-punti:

**Mil-lat negattiv**

(a) Li l-imputat, skond stqarrija tiegħu stess kien xtara 20 gramma eroina beix ibiegħhom. Il-fatt lid an kien ser isir minħabba li hu kellu jara kif ser jiffinanzja l-vizzju tiegħu ma jneħħi xejn min-nuqqas tiegħu.

**Mil-Lat pożittiv.**

(a) L-ewwelnett li dan il-każ imur lura għall-1996 u li twal daqshekk minħabba li l-imputat kien imsiefer u f'verbal minnhom saħansitra għarraf lill-Qorti li ser ikun imsiefer sas-seduta li kien imiss. Wieħed jista' jqis li t-tul ta' żmien

huwa tort ta' l-imputat għaliex il-Prosekuzzjoni kienet ilha li għalqet il-provi l-oħra. Biss dan is-safar ma kienx kapriċċ kif jidher mill-paragrafi ta' hawn taħt.

(b) It-tieni, l-imputat inbidel għal kollox u għamel minn kollox biex joħroġ mill-vizzju kif jidher mir-rapport imħejji bil-għaqal mill-Probation Officer;

(ċ) It-tielet, l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 kif kien dikjarat mill-Prosekuzzjoni innifisha;

**(d) Ir-raba', skond verbal konġuntiv magħmul mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża, l-imputat ta xhieda importanti f'ġurijiet u ta' dan ħallas b'xebgħat fuq persuntu.**

Il-Qorti qieset dan kollu waqt li ħasbet dwar il-piena u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal erba' xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' 700 Euro. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' mitt Euro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euros mhux imħallsin.

Jekk xi parti mill-esibiti għadhom mhux distrutti, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tagħhom taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 għaliex l-esperti kienu nħatru matul l-inkjesta u dawn wettqu l-inkarigu tagħhom qabel is-16 ta' Jannar 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------